20 ta' Frar, 1967

**Imhallef:**

**Onor. V.R. Sammut, B.A., LL.D.**

Emma Scicluna xebba

*versus*

Mary armla tal-Avukat Dr Salvatore Xuereb

**Citazzjoni — Kawżali ta' — Cara — Kjarezza — Nuqqas ta' Nullità ta'.**

*Citazzjoni m'hix nulla billi difettiva minn kawżali cara jekk fiha jiġu prospettati diversi ipotesijiet għat-tenur ta' liema l-oġġett tad-domanda jista' jkun dovut.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni — premess illi l-attriċi ikkonsenjat lil Dr. Salvatore Xuereb elf lira (£1,000) f'diversi drabi u lill-konvenut Dr. Joseph Xuereb, li aċċettahom a nom tal-konvenuti kollha, tlett mitt lira (£300) oħra — b'kollox elf u tlett mitt lira (£1,300) — u premess illi ma kellu jkun hemm l-ebda korrispettiv ħlief il-ħlas tal-istess interess li l-attriċi kienet ġa qegħda tirċievi jew li setgħet tirċievi bla ma titlef il-kapital — kollox bla ebda skrittura u għalhekk nullament tant bħala donazzjoni (li fi kwalunkwe każ ma kienet awtorizzata mill-Qorti) u lanqas bħala vitalizju, peress li tonqos l-iskrittura inkjesta u l-korrispettiv u għal kull raġuni oħra li tirriżulta u premess illi l-awtur tal-konvenuti l-Avukat Dr Salvatore Xuereb irrikonoxxa u aċċetta li l-flus fuq imsemmija lilu konsenjati kienu u baqgħu ta' proprjetà tal-attriċi, — prevja jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni ta' nullità tan-negozju talvolta naxxenti mill-

fatt fuq indikat u li għalhekk il-konvenuti qegħdin iżommu dik is-somma ta' elf u tlett mitt lira (£1,300) bla ebda titolu validu u legali — talbiet illi l-konvenuti lkoll flimkien jew bil-mod li jiġi deċiż min din il-Qorti jiġu kundannati jħallsu u jirrifondu lill-attriċi l-imsemmija somma ta' elf u tlett mitt lira interessi legali mis-27 ta' Jannar, 1964, u bl-ispejjeż komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Jannar, 1964.

*Rat id-dikjarazzjoni tal-attriċi* u *n-nota tax-xhieda tagħha;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Tabib Joseph Xuereb f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-konvenut Antoine Xuereb, imsiefer, it-tnejn bħala eredi tal-Avukat Salvatore Xuereb (fol. 7 tal-proċess) li biha qalu, preliminarjament illi ċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-attriċi m'humiex ċari, u għalhekk huma nulli;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Mary armla tal-avukat Dottor Salvatore Xuereb f'isimha stess u bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma l-istess żewġha u użufruttwarja universali tiegħu, (fol. 8 tal-proċess) li biha qalet illi hija tassoċja ruħha man-nota tal-konvenuti l-oħra wliedha, u fl-istess hin tirrileva illi, sa fejn taf hija, żewġha fuq imsemmi qatt ma rċeva flus mingħand l-attriċi jekk mhux bħala akkont tal-onorarji għal prestazzjonijiet professjonali favur tagħha u dana kif spjegat fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet.

Rat id-dikjarazzjonijiet u n-noti tax-xhieda tal-konvenuti;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni preliminari:

Skond l-Art. 155(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-oġġett u l-kawżali għandhom jirriżultaw b'mod ċar u ċert.

L-oġġett taċ-ċitazzjoni, kif ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża: Scicluna vs. Xuereb maqtugħa fid-19 ta' Ottubru, 1885 (Vol. X p. 926) huwa: "ciò che è attualmente domandato"; u l-kawża tad-domanda hija r-raġuni ġuridika tagħha, il-"fundamentum agendi", ossija l-oriġini tad-domanda (Ara: vol. XXIX, ii, 698; Vol. XI, 401 u Vol. IV, 76).

Meta att ġudizzjarju (bħal ma hija ċitazzjoni) jkun nieqes minn xi partikolarità sostanzjali meħtieġa mil-liġi espressament, dak l-att ikun null (Art. 792(d) Proċ. Ċiv.)

Fil-kaz taħt eżami l-attriċi qegħda titlob ir-restituzzjoni tas-somma ta' £1300, u dan huwa l-oġġett tad-domanda.

Bħala kawżali huwa addott mill-attriċi li hija kkonsenjat somom ammontanti għal £1300 bla ma kellu jkun hemm ebda korrispettiv ħlief il-ħlas tal-istess imgħax riċevibbili mill-attriċi, u illi l-flus qegħdin detenuti bla ebda titolu validu u legali, u li l-avukat Xuereb, awtur tal-konvenut, aċċetta li l-flus kienu baqgħu proprjetà tal-attriċi.

Żieded tgħid ukoll fiċ-ċitazzjoni illi ma saret ebda skrittura, u allura, anki għaliex ma kienx hemm awtorizzazzjoni tal-Qorti, l-operazzjoni ma kienetx donazzjoni, u lanqas ma kienet vitalizju peress li oltre li tonqos l-iskrittura jonqos il-korrispettiv.

Ikkunsidrat:

Ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-23 ta' April, 1945 fil-kawża: Victor Savona nee vs. Dottor Peter Asphar (Vol. XXXII, i, 228) illi purkè tkun indikata l-kawżali, ma hemmx nullità jekk *il-kawżali tkun indikata mingħajr tifsir* dettaljat tal-fatti.

Ġie deċiż ukoll fis-7 ta' Marzu, 1955 minn din il-Qorti (Vol. XXXIX, ii, 597) illi għalkemm fiċ-ċitazzjoni l-kawżali tkun dedotta b'mod lakoniku, iċ-ċitazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawżali tkun infissra tajjeb, u sakemm ma tkunx difettuża *talment li minħabba f'hekk* il-konvenut *jiġi preġudikat għaliex* ma jkunx jista' jiddefendi ruħu.

Fil-każ taħt eżami, bl-adozzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-*Qorti ma ssibx li ċ-ċitazzjoni tiddifetta mir-rekwiżiti neċessarji* u li ma hijiex ċara, għaliex l-oġġett u l-kawżali huma espressi b'mod li l-konvenuti ma humiex preklużi milli jiddefendu ruħhom. Infatti, għall-allegazzjoni li saret il-konsenja tal-flus lill-attur tagħhom u li ma kienx hemm titolu validu u legali u li n-negozji kienu nulli, huma ma humiex preklużi milli jepponu titolu validu, jekk kien hemm, ir-ripulsa tal-allegazzjonijiet *avanzati mill-attriċi.*

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' kjarezza u tal-konsegwenti nullità taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; u tiddiferixxi l-kawża għal kontinwazzjoni fuq il-meritu għas-seduta tas-17 ta' April, 1967.

---